



# In-nisa, I-irġiel u I-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa

## Sommarju eżekuttiv

### Introduzzjoni

Dan ir-rapport jissottolinja il-każ għal analiżi sensitiva dwar I-irġiel u n-nisa fir-rigward ta' xejriet u tendenzi fl-impjegati fis-swieq tax-xogħol Ewropej. Minkejja ħafna snin ta' leġiżlazzjoni, għadhom jippersistu differenzi bejn is-sessi f'ħafna aspetti tas-suq tax-xogħol: nisa u rġiel jidhru f'impjegati u f'industriji differenti, u b'kuntratti differenti, il-paga tagħhom sikwit tkun differenti u jqattgħu perjodi differenti ta' ħin għal xogħol bi ħlas. Barra dan, fil-kuntest tal-kriżi ekonomika, id-differenzi bejn is-sessi huma evidenti kemm fl-impatt inizjali ta' tnaqqis fir-ritmu kif ukoll fil-miżuri ta' awsterità li żvolgiew, li qiegħdu friskju l-progress miksub biex jitneħħew id-differenzi bejn is-sessi. Dan l-istudju huwa bbażat fuq sejbiet mill-ħames Stħarriġ dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol Ewropej (EWCS), li sar fl-2010. Is-sett tiegħu mimli dejta – li tiġbor madwar 44,000 ħaddiem minn 34 pajjiż Ewropew – kien użat biex jesplora d-differenzi bejn is-sessi tul diversi dimensjonijiet ta' kondizzjonijiet tax-xogħol u biex jeżamina d-differenzi rilevanti ta' pajjiżi.

### Kuntest tal-politika

Ovvjament teħtieġ żjieda qawwija fir-rati tal-impjegati kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel jekk l-UE għandha tilħaq il-mira ta' rata ta' 75 % fl-impjegati stabbilita fl-istrategġija Ewropa 2020. It-tneħħija tad-differenzi bejn is-sessi f'varjabbli tas-swieq tax-xogħol, bħar-rati ta' impjegati u qagħad u livelli ta' paga, kienet waħda mill-oġettivi ewlenin tal-politika tal-UE. Iżda d-diskriminazzjoni skont is-sess għadha evidenti fid-differenzi fl-aċċess għas-suq tax-xogħol u f'xejriet varji ta' impjegati u f'kondizzjonijiet tax-xogħol relatati, li jirriflettu segregazzjoni persistenti bejn I-irġiel u n-nisa. B'rabta mal-kriżi attwali, huwa ċar li l-pressjonijiet fuq il-postijiet tax-xogħol u l-pagi huma kkonċentratu ħafna fuq is-settur pubbliku, fejn hemm impjegati ħafna nisa.

### Sejbiet ewlenin

Ħamsa biss mill-20 grupp okkupazzjonali li jimpjegaw l-ogħla għadd ta' ħaddiema jista' jitqies li għandu taħlita bilanċjata ta' rġiel u nisa: ħaddiema fl-ikel, l-injam u l-ilbies; skrivana numeriċi; professjonisti legali, soċjali u kulturali; professjonisti fin-negozju u ħaddiema f'servizzi personali (gruppi bbażati fuq il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali ta' Impjegati).

Is-settur pubbliku huwa importanti għal impjegati dominati min-nisa – f'impjegati dominati mill-irġiel impjegati nisa x'aktarx li jkunu aktar jaħdmu fis-settur pubbliku milli mill-kontroparti tagħhom irġiel. Il-postijiet tax-xogħol joħolqu saff ieħor ta' segregazzjoni, b'impjegati sikwit jaħdmu f'ambjenti tal-istess sess, l-aktar in-nisa. Ukoll meta nisa u rġiel ikunu impjegati f'impjegati mħallta, huma sikwit ikunu qed jaħdmu f'postijiet tax-xogħol tal-istess sess.

Id-differenzi bejn is-sessi f'ħin li jqattgħu għal xogħol bi ħlas u mingħajr ħlas huma importanti fit-tiswir ta' kondizzjonijiet tax-xogħol għan-nisa u I-irġiel. Meta sigħat ta' xogħol bi ħlas, sigħat li huma jqattgħu ġejjin u sejrin minn u għax-xogħol u ħin ta' xogħol mingħajr ħlas jingħaqdu flimkien, id-dejta tal-EWCS sabet li n-nisa jaħdmu, bħala medja, 64 siegħa fil-ġimgħa meta mqabbla ma' 53 siegħa maħduma mill-irġiel. Dan jista' jiġi spjegat mill-fatt li n-nisa jqattgħu 26 siegħa, bħala medja, f'attivajiet ta' kura, meta mqabbla ma' 9 sigħat li jqattgħu I-irġiel, ukoll jekk I-irġiel jiddedikaw aktar ħin għal xogħol bi ħlas (41 siegħa, meta mqabbla ma' 34 siegħa li jqattgħu n-nisa).

Waħda mill-kwistjonijiet prinċipali relatati mas-sess u xogħol bi ħlas tinvolvi l-prevalenza ta' xogħol part-time, li jista' jitqies kemm pożittivament kif ukoll negattivament. Ċerti impjegati dominati min-nisa bħal kura personali, tindif u servizzi personali għandhom partijiet partikolarment kbar ta' xogħol part-time. Madankollu, ix-xogħol part-time sikwit ikun fin-naħa t'isfel tad-distribuzzjoni okkupazzjonali, b'impjegati sikwit esklużi minn benefiċċji u jkunu żvantaġġati f'termini ta' aċċess għal promozzjoni.

Huwa wisq probabbli li l-irġiel, aktar min-nisa, jaħdmu 'l fuq minn 48 siegħa stabbiliti mid-Direttiva tal-UE dwar il-ħin tax-Xogħol, bl-eċċezzjoni ta' dawk li jgħallmu u dawk li jagħmlu xogħol klerikali. Madankollu, hemm ukoll ħafna nisa li jaħdmu sigħat twal – pereżempju, fil-bejgħ, ġestjoni tal-ospitalità, l-agrikoltura u l-industrija tas-servizzi. L-irġiel fis-settur pubbliku huma madwar nofs li x'aktarx jaħdmu sigħat twal bħal kontropartijiet tagħhom fis-settur privat, u għan-nisa l-effett huwa anzi aktar b'saħħtu. Il-biċċa l-kbira tan-nies li jagħmlu xogħol full-time ikunu jixtiequ jaħdmu anqas, bl-irġiel jiddikjaraw preferenza għal ġimgħa ta' 38 sena, u n-nisa ġimgħa ta' 33 siegħa.

Id-dñul fix-xahar tal-irġiel huwa oġġla f'kull impjegat iżda d-differenzi huma usa' f'xogħol tal-pinna dominat mill-irġiel. B'kuntrast, differenzi bejn is-sessi fil-kwalità intrinsika tax-xogħol fl-impjegati kollha huma relattivament żgħar meta mqabbla ma' dimensjonijiet oħra tal-kwalità tax-xogħol. It-tendenza tan-nisa hija li huma jgħidu li jsibu sodisfazzjon akbar f'termini tal-kwalità tax-xogħol mill-irġiel. Interessanti huwa li l-kwalità tal-ħin tax-xogħol għall-irġiel hija partikolarment baxxa għal dawk li l-kap tagħhom ikun raġel, waqt li għan-nisa din tibqa' kważi eżattament l-istess ikun x'ikun is-sess tal-kap tagħhom. F'xi pajjiżi, il-kwalità tal-ħin tax-xogħol tan-nisa titjeb meta huma jkollhom it-tfal iżda dan jiġi b'dannu ta' penali tul ħajjithom fi dñul kull xahar.

L-irġiel, bħala medja, b'mod sinifikanti aktar min-nisa, iħossuhom tajjeb. Din id-differenza bejn is-sessi teżisti fis-setturi kollha u fil-maġġoranza tal-gruppi okkupazzjonali. Fis-settur tas-servizzi biss u f'xogħol fil-ħwienet u ta' bejgħ, in-nisa jħossuhom tajjeb fl-istess livell bħall-irġiel. Madankollu, kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel f'postijiet tax-xogħol imħallta jgħidu li jħossuhom aħjar, kemm bl-irġiel kif ukoll bin-nisa jgħidu dan meta huma jaħdmu għal kap tas-sess oppost. L-istudju juri wkoll biċ-ċara li l-għadd tan-nisa li jħossuhom tajjeb u li jkunu telqu mis-suq tax-xogħol huwa aktar baxx minn dak ta' dawk li jibqgħu fl-impjeg.

## Indikaturi tal-politika

Is-sejbiet jissottolinjaw l-importanza ta' approċċ ta' politika koordinata u komprensiva għall-ugwaljanza bejn is-sessi, kemm fi u barra s-suq tax-xogħol. Dan l-approċċ għandu jinkludi t-ħassib li ġej.

- Miżuri biex jindirizzaw id-desegregazzjoni għandhom iqisu s-sottovalutazzjoni tax-xogħol tan-nisa u l-proċessi li bihom metodi stereotipati jpoġġu kemm bniet kif ukoll subien f'ċerti tipi ta' xogħol.
- Miżuri biex jindirizzaw id-disparitajiet tal-ħin tax-xogħol jeħtieġ iqisu l-effetti tal-kwalità tax-xogħol għal sigħat twal u sigħat part-time, kif ukoll disparitajiet ta' xogħol mingħajr ħlas mid-dar.
- Hemm ħtieġa ta' miżuri biex itejbu l-kwalità tax-xogħol kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel – u jeħtieġ tingħata attenzjoni partikolari għar-riskji ta' ħolqien ta' xogħol ta' kwalità baxxa għal dawk li jidħlu l-ewwel darba fis-suq tax-xogħol.
- Miżuri biex wieħed iħossu tajjeb għandhom jagħrfu l-benefiċċji għall-ommijiet li jintegraw fi milli joħorġu mis-suq tax-xogħol, kif ukoll jagħrfu l-effetti pożittivi ta' meta wieħed iħossu tajjeb milli jillimitaw id-desegregazzjoni u sigħat twal ta' xogħol.

Globalment, ir-rapport jindika r-rilevanza kontinwa ta' monitoriġġ sensitiv għas-sessi tas-suq tax-xogħol, l-aktar fi żmien ta' bdil sinifikanti. Is-sejbiet ippreżentati jaqdbu l-impatt inizjali tal-kriżi u jindikaw riskji għal żmien medju u fit-tul għal disparitajiet bejn is-sessi. B'mod partikolari, miżuri ta' awsterità jistgħu jkunu qed inaqqru mill-avanzji miksubin permezz ta' politiki jew servizzi soċjalii li jostnu livelli oġġla ta' parteċipazzjoni jew sigħat itwal għan-nisa. Għall-irġiel, kwistjoni ewlenija hija jekk, għall-anqas għal dawk b'anqas ħiliet, tistax tkun mistennija xi konverġenza potenzjali ma' esperjenzi ta' impjegati tan-nisa, b'aktar irġiel impenjati f'impjeg temporanju jew part-time jew li jkunu qed jirċievu paga b'rati aktar baxxi ta' ħlas.

### Aktar informazzjoni

Ir-rapport *In-nisa, l-irġiel u l-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-Ewropa* huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef1349.htm>

Għal aktar informazzjoni kkuntattja lil Sophia MacGoris, Uffiċjal ta' Stħarriġ, fuq [smg@eurofound.europa.eu](mailto:smg@eurofound.europa.eu)